MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

L-Erbgħa, 13 ta' Marzu, 2019

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-10:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

ASSENTI:

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 47.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

47.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

47.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 47.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

47.2.1 Is-Sindku qal li kellmuħ żewġ bdiewa minħabba Triq Wied Ġonu u l-għelieqi tagħhom. Is-Sindku qal li waslu f'deċiżjoni illi l-Kunsill jagħmel żewġ gradi għall-ilma.

47.2.2 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-SE kellu laqgħa ma' żewġ artisti fejn proponew kollaborazzjoni mal-Kunsill sabiex jissottomettu applikazzjoni tal-*Arts in Public Spaces*. Hu kompla jgħid li l-Kunsill mhux se joħroġ spejjeż. Il-Kunsill qabel li jikkollabora ma dawn iż-żewġ artisti.

47.2.3 Is-Sindku issuġġerixxa li jingħataw €150.00 lil Kummettiva u €150.00 lil grupp Hilarious tal-performances tagħhom fil-Karnival. Il-Kunsill qabel.

47.2.4 Is-SE qalet li kella proposta minn resident (Każ nr.4) sabiex fil-Karnival li jmiss ikun hemm kompetizzjoni bil-kostumi tal-annimali. Il-Kunsill oġbitu din l-idea.

47.2.5 Is-SE qalet li wasal sabiex jagħlaq it-TENDER FOR THE SUPPLY AND LAYING OF HOT ASPHALT IN TRIQ IL-WILEG, TRIQ WIED MERILL, TRIQ IL-GEBLA TAL-GENERAL. Wara diskussjoni sar qbil li jinħatar bord mfassal minn; SE bħala Segretarju tal-Bord, William Sultana bħala Chairperson tal-Bord, Dr. Joshua Grech, Mariella Xuereb u Pauliana Said bħala adjudikanti, u Shawn Micallef bħala rappreżżentant magħżul mill-Assistent Direttur tal-Projects and Development Directorate.

47.2.6 Is-SE qalet li kella rikjesta (Każ nr.5) sabiex tinqala bankina (li hi parti mill-Proġett tal-EU) ta' quddiem il-post tiegħu sabiex jitwaqqa l-post. Il-Kunsill qabel li nidħlu fl-agreement mas-sid biex il-bankina terġa tiġi installata spejjeż tas-sid eżattament kif kienet.

47.2.7 Is-SE ippreżentat il-Bye Law tan-'Nuisance Abatement' u ġie ikkonfermata.

## 47.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri;

47.3.1 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li meta ikun riħ qawwi tajjeb li navżaw lin-nies sabiex ma joħorġux il-borża griża kmieni għaliex itiru mar-riħ. Il-Kunsill qabel.

47.3.2 Il-Kunsillier Carmen Grima qalet li kif sar il-qlib tal-ilma fi Triq Wied il-Merill, xorta waħda mhux qed jidħol l-ilma fil-bir tagħha. Sar qbil li tistenna sakemm tinżel ftit iktar xita qawwija u naraw x'jiġri.

47.3.3 Il-Kunsillier Franco Buhagiar saqsa x'kien ġara fil-proċess tal-ġnien li kien se jsir b'kollaborazzjoni mal-Hon Clint Camilleri. Is-Sindku qallu li se jibgħat għall-update.

47.3.4 Il-Kunsillier Franco Buhagiar saqsa jekk l-ittra tal-avukat rigward il-galvanised steel għaddietx lil kuntrattur. Is-SE qalet li qed tfakkar sikwiet lil avukat sabiex jibgħata.

## 47.4 Updates tal-Proġetti;

47.4.1 Is-Sindku qal li fi Triq id-Duluri ix-xogħol miexi b'rittmu tajjeb. Is-Sindku qal ukoll li fl-istess Triq hemm spaction (li kienet diġa hemm qabel ma beda x-xogħol tal-kuntrattur) li qiegħda f'pożżizzjoni għolja. Hu kompla jgħid qal b'din il-problema lir-Road Construction u se titranġa.

47.4.2 Is-Sindku qal li rigward Triq il-Qasam, il-kuntrattur qallu li se jibda l-ġimgħa d-dieħla waqt li Triq il-Wileġ se tibda ftit wara ukoll.

47.4.3 Is-Sindku irrapporta li x-xogħol fuq l-Għajn miexu ukoll u wera lil Kunsilliera ritratti tal-progress.

47.4.4 Is-Sindku qal li qed isegwi lil Perit Scerri kontinwament sabiex japplika għall-latrina u għall-Proġett ta' Sebbaħ il-Lokal.

## 47.5 Bulky Refuse Tender;

47.5.1 Is-SE qalet li wasal iż-żmien sabiex joħroġ it-Tender tal-Bulky Refuse Collection. Il-Kunsill qabel.

## 47.6 Gozo Alive;

47.6.1 Is-Sindku qal li għall-sena oħra l-Kunsill għandu l-opportunita' sabiex japplika biex jieħu sehem fl-avvenimenti ta' Gozo Alive.

47.6.2 Is-Sindku ppropona li s-Sibt 4 ta' Mejju napplikaw sabiex ikun hemm 'Esperjenza f'San Lawrenz' li tinkludi mawra ħdejn il-ħaddied, sqaqien fejn in-nisa ikunu iħitu l-bizzilla, *tour* tal-Knisja u l-arkitettura tal-madwar. Fl-aħħar parti tal-mawra ikun hemm ukoll ikla tipika Għawdxija.

47.6.3 Is-Sindku ppropona li l-Ħadd 5 ta' Mejju, ikun hemm *event* fl-Interpretation Centre id-Dwejra, b'kollaborazzjoni mal-Malta Aquarium li jisemma 'Under the Sea' Dan l-avveniment għandu jqajjem kuxjenza dwar it-tniġġis u l-effett tiegħu li jħalli fil-baħar.

47.6.4 Il-Kunsill qabel mal-proposti kollha.

## 47.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

47.7.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 47.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

47.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:10 u ġiet aġġornata għall-11 ta' April 2019 fl-14:15.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv